MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2005

Numru. 304/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Bonello)**

**v**

**Keith Pace ta' 21 sena bin Lawrence u Emanuela nee Vella, imwieled Pieta' fl-10/07/80 u joqghod 49, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa li ghandu karta tal-identita' numru 327480 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Keith Pace li gie akkuzat talli matul il-lejl ta' bejn id-29/30 ta' Marzu, 2002 gewwa B'Kara ikkommetta serq ta' saqaf tal-canvas mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAF-924 li l-valur

taghha jeccedi s-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm 500) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm 1000) liema serq huwa aggravat bil-valur, lok u xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Edwin Vella u Nicholas Ciantar,

aktar talli fl-istess data u fil-jiem qabel it-2 ta’ April, 2002 f’dawn il-gzejjer xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom ghad-dannu tal-imsemmija Edwin Vella u Nicholas Ciantar.

U atkar talli sar recidiv b’sentenzi moghtija fid-29/07/2000 u fit-28/11/2000.

Rat li fis-seduta tas-sittax (16) ta’ Ottubru, 2002, Keith Pace kien irregistra ammissjoni ghall-ewwel u t-tieni akkuza dedotta kontra tieghu. Ghalhekk ma kienx ammetta ghar-recidiva.

Rat ukoll li f’din is-seduta hu kien ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji kif ukoll li gie esebit id-debita kunsens ta’ l-Avukat Generali.

Rat ukoll li fl-istess seduta l-Qorti kienet anke ordnat li jithejja pre-sentencing report liema rapport gie esebit mill-Probation Officer Marietta Lanzon.

Jigi precizat ukoll li ghal tul ta’ zmien l-akkuzat naqas li jidher ghal kawza dan nonostante li nhargulu diversi mandati ta’ arrest.

Rat ukoll ir-rakkomandazzjoni ta’ l-Ufficjal tal-Probation li huwa dak ta’ probation order bil-hsieb li Keith Pace jigi ndott li jsib xi mpieg. Semghet ukoll lill-Probation Officer li xehdet li ma tantx kien jidher li l-akkuzat kien immotivat biex isib xoghol. Jidher fil-fatt li l-akkuzat ibati minn kundizzjoni ta’ asthma u din il-kundizzjoni qed tintuza kemm bhala mottiv kif ukoll bhala skuza biex hu ma jsibx xoghol. Dan il-fatt ma juri fil-fehma ta’ din il-Qorti ebda sinjal pozittiv fil-konfront ta’ l-akkuzat.

Illi hija din l-attitudni ta’ l-akkuzat li l-Qorti ssib ferm in kwantu anke meta tittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li l-akkuzat gia gie kkundannat ta’ reati simili, anke nghata l-beneficcju tal-Kap 152 ghal tliet snin pero’ jidher li ma fehem xejn. Li tista’ tghid din il-Qorti li stante li f’pajjizna hawn medja gholja ta’ nies li jbatu bl-asthma jew xi allergija ohra, allura bir-ragunament ta’ l-akkuzat anke jekk wiehed jasal biex jissimpatizza mieghu minhabba din il-kundizzjoni, allura kulhadd ghandu jirrikorri ghal flus facli provenjenti mis-serq jew reati konnessi.

Rat l-artikoli 261, 267, 269, 271, 279, 280, 281, 20, 334 u 17 tal-Kap 9 u in vista ta’ l-ammisjsoni qed issibu hati ta’ l-istess b’dan pero’ li tqis it-tieni akkuza ta’ ricettazzjoni bhala wahda alternattiva ghas-serq kif aggravat u tikkundannah ghal sena u nofs piena karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------